KUNSILL LOKALI L-IKLIN
L-IKLIN LOCAL COUNCIL

11, "Three Villages"
Trejqet ir-Rumanzieri,
L-Iklin, IKL 1320
MALTA
T: (0356) 21 416 741
(0356) 21 416 441
E-mail: iklin.lc@gov.mt
https://iklinlc.gov.mt

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**L-GĦAXAR KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 4 – IT-TLIETA, 10 TA' SETTEMBRU 2024**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet bit-talba fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Dr Dorian Sciberras | Sindku |
| | Sa Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sur Mario Fenech | Kunsillier |
| | Sa Mary Grace Gusman | Kunsillier |
| | Sur Matthew Fenech | Kunsillier |
| | Sur Etienne Montfort | Segretarju Eżekuttiv |

## 4.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

4.1.1 Ma kienx hemm.

## 4.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

4.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru (4) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill Lokali minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras ippropona li jkunu approvati, u l-Viċi Sindku Yvonne Bartolo issekondat.

4.2.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku Dr. Dorian Sciberras u s-Segretarju Eżekuttiv Etienne Montfort bħala dokument korrett.


Sindku (Mayor): Dott. Dorian Sciberras LL.D, Viċi Sindku (Vice Mayor): Yvonne Bartolo,
Kunsillieri (Councillors): Mario Fenech, Matthew Fenech, Mary Grace Gusman

## 4.3 KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU

4.3.1 Is-Sindku Dott Dorian Sciberras informa lill-preżenti li kien importanti li l-Kunsill jiffoka fuq il-pjan ta' ħidma għal din il-leġiżlatura biex il-Kunsill ikollu direzzjoni ta' fejn irid imur u kif ser jasal biex jilħaq l-oġġettivi tiegħu għall-ġid komuni tal-lokalità.

## 4.4 RAPPORT TAL-KORRISPONDENZA U L-ILMENTI

4.4.1 Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew ħarġet mill-Uffiċċju bejn l-4 ta' Awwissu u d-9 ta' Settembru 2024 kif jidher fid-dokumenti A u B.

**COMPLAINTS SHEET (4 August - 9 September 2024)**

| Ref. | Date | Description | Status | Address | Organisation |
|---|---|---|---|---|---|
| 256a | 05/08/2024 | Fi Triq Karmenu Vassallo qabel l-isqaq qed ikun hemm ħafna ħmieġ tal-klieb | settled | Triq K Vassallo | **Cleansing** |
| 257 | 05/08/2024 | Hemm water bowser ilu pparkjat 'il fuq minn xhar fi Triq il-Għargħur mingħajr liċenza | pending | Triq il-Għargħur | **Community Police** |
| 258 | 05/08/2024 | Talba għal road markings fi Triq Mons Carmelo Aquilina għax il-vetturi qed jipparkjaw bl-addoċċ u mhux qed tkun tista timmanuvra l-vettura | pending | Triq Mons Carmelo Aquilina | **Council** |
| 259 | 05/08/2024 | Talba għal refresh of Blue bays: 68 Triq il-Klin u 17 Triq G Calleja | settled | Triq il-Klin / Triq G Calleja | **Contractor** |
| 260 | 07/08/2024 | Bozza maqtugħa fi Triq Karmenu Vassallo nru Y011/28 | pending | Triq K Vassallo | **Enemalta** |
| 261 | 07/08/2024 | Talba għal sleeping policeman fi Triq Ċensu Bugeja għax qed jgħaddu bi speed eċċessiv u qed tkun ta' periklu biex toħroġ mill-garaxx | pending | Triq Ċensu Bugeja | **Council** |
| 262 | 08/07/2024 | Talba biex jitneħħa xi hmieg li ħalla xi ħadd taħt bankina quddiem 62, Triq G Curmi | settled | Triq G Curmi | **Cleansing** |
| 263 | 08/08/2024 | Fi Triq GM Azzopardi hemm construction site u l-gate m'hiex soda u qegħda ta' periklu. | closed | Triq GM Azzopardi | **Council** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 264 | 08/08/2024 | Talba biex isiru linji ta' gwida għall- parking fi pjazza ta Triq Ġ Bonnici għax ma jkunux jistgħu joħorġu mill- garaxx | Pending | Triq G Bonnici | **Council** |
| 265 | 08/08/2024 | Infestazzjoni ta' ġrieden fi Triq G Bonnici ilment minn go drive in c/w Triq Dun Karm | settled | Triq G Bonnici c/w Triq Dun Karm | **Health** |
| 266 | 08/08/2024 | Ilment fuq siġra sporġuta fuq proprjetà ta' terzi 89/91 Triq G Abos | Settled | Triq G Abos | **Council** |
| 267 | 09/08/2024 | Ilment dwar infestazzjoni ta' ġrieden fl-għalqa ta' Triq Dott Pawlu Grech u l-madwar | settled | Triq Dott Pawlu Grech/Triq Dun Karm | **Health** |
| 268 | 09/08/2024 | Talba biex jitneħħa parking bay minn Triq G Abos għaliex kull min jipparkja qed jagħlaqlu parti mill-garaxx u minflok isir MC Bay | pending | Triq Geronimo Abos | **Council** |
| 269 | 12/08/2024 | Kien hemm pompa tal-konkos fi Triq GM Azzopardi l-Ġimgħa 9 t'Awwissu. Wara li lesta ħasel il-bajla u t-triq ħalliha mandra bl-ilma u l-konkos. | closed | Triq GM Azzopardi | **Council** |
| 270 | 12/08/2024 | Kien hemm pompa tal-konkos fi Triq GM Azzopardi l-Ġimgħa 9 t'Awwissu. Wara li lesta ħasel il-bajla u t-triq ħalliha mandra bl-ilma u l-konkos. | pending | Triq GM Azzopardi | **Council** |
| 271 | 12/08/2024 | Minn mindu saru l-floodlights fiz-zebra crossing ta' Triq G abos, qed tinqatalha s-salva vita kuljum bejn it-8.10pm u t-8.15pm | pending | Triq Geronimo Abos | **Enemalta** |
| 272 | 12/08/2024 | Talba biex jinżabru s-siġar li hemm fi Triq AM Caruana għax kibru u igguffaw | pending | Triq AM Caruana | **Council** |
| 273 | 13/08/2024 | Ilment li l-ħanut tan-negozju Power House qed iħalli 6 vetturi pparkjati fi Triq Ċ Bugeja. Il-problemi tal-parking f'din it-triq żdiedu minħabba f'hekk. | pending | Triq Ċensu Bugeja | **Council** |
| 274 | 16/08/2024 | Id-dawl ta' barra ta' Triq G Curmi mhux jixgħel | pending | Triq Giovanni Curmi | **Enemalta** |
| 275 | 16/08/2024 | Talba biex jitneħħa l-bus stop ta' Triq G Abos c/w Triq G Curmi għaliex hemm residenza u qed ikollha mandra sħiħa fil-ġnien tagħha. Jew almenu jitpoġġa litter bin | settled | Triq Geronimo Abos | **Council** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 276 | 17/08/2024 | Covers tal-plastic miksurin fuq bankina 68 Triq S Erardi | pending | Triq S Erardi | **Infrastracture Malta** |
| 277 | 19/08/2024 | Leakage tal-ilma fuq bankina 112 Triq San Mikiel | settled | Triq San Mikiel | **WSC** |
| 278 | 19/08/2024 | Infestazzjoni ta' ġrieden fi Triq San Mikiel mil-għelieqi | settled | Triq San Mikiel | **Health** |
| 279 | 20/08/2024 | Hemm 2 bozoz maqtugħin fi Triq il-Plejju | Enemalta | Triq il-Plejju | **Enemalta** |
| 280 | 20/08/2024 | L-iskart qatt ma' nġabar minn Trejqet il-Fulija. Ilha s-snin tilmenta u trid li l-Kunsill isibilhom soluzzjoni. | settled | Trejqet il-Fulija | **Waste collector** |
| 281 | 20/08/2024 | Triq il-Ħwawar kollha sal-Liquid Club qed jintrema ħafna skart u saret miżbla | pending | Triq il-Ħwawar | **Waste collector** |
| 282 | 20/08/2024 | Talba għal road patch quddiem 31 Triq K Vassallo hemm ħofra u dejjem bl-ilma | pending | Triq K Vassallo | **Council** |
| 283 | 21/08/2024 | Hemm 2 arbli fuq bankina biex jitranġaw bejn 1-7 Triq Razzett L-Aħmar | pending | Triq Razzett L-Aħmar | **Enemalta-Customer care** |
| 284 | 21/08/2024 | Ilment li r-residenta mhux qed tkun tista' toħroġ mill-garaxx minħabba l-vetturi li jipparkjaw eżatt mal-garaxx avolja hemm il-metru u l-collapsible bollards li żdiedu fi Triq G Abos. | pending | Triq Geronimo Abos | **Council** |
| 285 | 21/08/2024 | Residenta li togħqod 7, Triq S Erardi tinsab inkwetata għaliex kellha sprall fil-bidu tar-rampa u waħħluh bil-konkos il-kuntratturi allura ma' tistax taqilgħu biex tnaddfu. Barra minhekk il-bankina qed ixxaqleb għar-rampa tagħha u qed tibża li mal-ewwel xita jegħrqilha l-basement | pending | Triq Stefano Erardi | **Infrastracture Malta** |
| 286 | 21/08/2024 | Hemm arblu tad-dawl qed jixxokkja fi Triq S Erardi c/w Triq G Curmi. Jinstema' ħoss ta' kurrent | settled | Triq Stefano Erardi c/w Triq G Curmi | **Enemalta** |
| 287 | 22/08/2024 | Talba biex titnaddaf mill-ħaxix Triq Ħwawar fejn Road Servicing | pending | Triq Ħwawar | **Council** |
| 288 | 22/08/2024 | Talba biex titneħħa vettura ilha 3 ġimgħat ipparkjata għax se jirranġa l-faċċata Triq D Cachia (JAF541) | settled | Triq D Cachia | **Commissioner of Police** |
| 289 | 22/08/2024 | Talba biex jinqata ħaxix mall-bankina Triq S Erardi faċċata tal-parking | settled | Triq S Erardi | **Cleansing** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 290 | 22/08/2024 | Tħallew xi karti jiġru wara ġabra tal-boroż fi Triq il-Wied | settled | Triq Wied | **Waste collector** |
| 291 | 22/08/2024 | 2 bozoz mall-ħajt iteptpu fejn 37 Triq Dun Karm | pending | Triq Dun Karm | **Contractor** |
| 292 | 26/08/2024 | Hemm leakage tal-ilma fi Triq iċ-Ċitru faċċata ta' Mr Fish | pending | Triq iċ-Ċitru | **W.S.C** |
| 293 | 26/08/2024 | Hemm construction site fi Triq Ċ Bugeja c/w Triq G Abos u qed itajjar ħafna trab. Biex nagħmlu xi ħaġa għax mhux tajjeb għall-ambjent | pending | Triq C Bugeja c/w Triq G Abos | **Council** |
| 294 | 29/08/2024 | Hemn tappiera ftit 'l isfel mill-Maypole qegħda periklu għax ser tisfronda | pending | Triq Geronimo Abos | **WSC** |
| 295 | 29/08/2024 | Fil-pjazza ta' quddiem il-Perit qed ikun hemm ipparkjati vans tax-xogħol jużawhom barranin li mhux mill-Iklin u qed jieħdu l-parking lir-residenti. Dawn ikunu pparkjati taħt it-tabelli tal-ħinijiet | closed | Triq Dun Karm | **Aġenzija LESA** |
| 296 | 29/08/2024 | Hemm bicca bankina mkissra fi Triq G Calleja c/w Triq D Cachia | settled by our handymen | Triq Guzeppi Calleja c/w Triq Dwardu Cachia | **Council** |
| 297 | 30/08/2024 | Ħiereġ id-drenaġġ fi Triq in-Naxxar, quddiem Josies. It-triq mimlija u hemm irwejjaħ kbar | closed - rep'd to WSC - 102138 | Triq in-Naxxar | **WSC** |
| 298 | 30/08/2024 | Talba biex jinġabar xi skart boroż u bottijiet li hemm taħt siġar fi Triq Razzett L -Aħmar | settled | Triq Razzett L-Aħmar | **Cleansing** |
| 299 | 09/03/2024 | Talba biex id-doggy bin ta' Triq il-Luq jinqala' minn mad-dar 'Villa ghall-Kwiet' minħabba abbużi | pending | Triq il-Luq | **Council** |
| 300 | 03/09/2024 | Hemm biċċa bankina quddiem 'Villa għall-kwiet' fi stat ħażin. Biex titranġa | pending | Triq il-Luq | **Council** |
| 301 | 03/09/2024 | Hemm hafna haxix kbir fi Triq il-Gharghur. Il-karozzi jkollhom ikaxkru maghhom | pending | Triq il-Gharghur | **Council** |
| 302 | 06/09/2024 | Hemm karozza mhux residenti li l-ħin kollu qed tkun ipparkjata taħt tabelli tal-ħinijiet fi Triq San Mikiel. Biex nibgħatu l-wardens | pending | Triq San Mikiel | **LESA** |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 303 | 06/09/2024 | Għadhom qed jaraw ħafna ġrieden fl-area ta' Triq ES Inglott u Triq Dun Karm | pending - sent email to health | Triq ES Inglott/Triq Pawlu Grech/Triq Dun Karm | **Health** |
| 304 | 05/09/2024 | Hemm bozza mitfija fejn 45 Triq C Busuttil, din trid tiċċaqlaq għall-faċċata ma arblu | pending | Triq Ċensu Busuttil | **Contractor** |
| 305 | 06/09/2024 | Biex tiżdied tabella tar-Residents Parking bejn il-Model Shop u Mister Fish għax m'hemmx fin-nofs. | pending | Triq Geronimo Abos | **COUNCIL** |

## 4.5 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

4.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-lista tal-kredituri kif jidher anness f'dokument immarkat D.

4.5.2 Is-Sindku Dr. Dorian Sciberras imbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa u ssekondat mill-Viċi Sindku Yvonne Bartolo.

Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat. Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Dott Dorian Sciberras, il-Viċi Sindku Yvonne Bartolo, u l-Kunsillieri Mario Fenech, Matthew Fenech, u Mary Grace Gusman.

**(Doc. D anness)**

4.5.3 Il-Kunsill awtorizza x-xiri ta' oġġetti/servizzi kif jidher hawn taħt:

I. Kwotazzjoni għal xogħlijiet *extensive patching works* fi Triq Karmenu Vassallo mill-kuntrattur Road Servicing Ltd għall-prezz ta' Eur2,142.41c VAT inkluż;
II. Kwotazzjoni għal servizz ta' Engineering Consultation għall-proġett re-design ta' Pjazza Ninu Cremona mingħand il-fornitur Ing. Gordon Camilleri għall-prezz ta' Eur1,121.00 VAT inkluż;
III. Kwotazzjoni għal servizz ta' grass cutting u ġabra ta' materjal goff minn Triq Ħal Għargħur mingħand il-fornitur Charlie Mifsud għall-prezz ta' Eur1,895.00 VAT inkluż;

## 4.6 MATERJI KONNESSI MAL-AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

4.6.1 Inqrat il-lista ta' applikazzjonijiet u permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar hekk kif ippubblikati fil-gazzetta tal-Gvern.

4.6.2 Applikazzjoni PA/05413/24 – 10, Asem, Triq Giovanni Curmi, L-Iklin 'To sanction minor internal and external alterations from PA/02106/80, including the addition of a domestic store at roof level;

4.6.3 Applikazzjoni PA/05412/24 – 39, Casa Derry, 35, Triq il-Wied c/w Triq l-Awrekarja L-Iklin 'To sanction the shifting of pool location from that approved in permit PA/05703/22

4.6.4 Applikazzjoni PA/05929/24 56 Flt 3, Triq Stefano Erardi L-Iklin 'Proposed minor alterations at second floor and extension at receded floor;

## 4.7 LAQGĦA PUBBLIKA 2024

4.7.1 Is-Sindku Dott. Sciberras informa li skont l-Att li jwaqqaf il-Gvern Lokali 3A isemmi li mhux aktar tard minn tliet xhur ta' leġiżlatura ġdida, għandha tissejjaħ laqgħa pubblika biex jiġi diskuss il-Pjan ta' Ħidma għal ħames snin 2024-2029. Għal dan il-għan, il-Kunsill għandu jinnotifika lir-residenti kollha li jirrisiedu f'din il-lokalità u l-laqgħa tinżamm f'post adattat. Il-Kunsill iddeċieda b'mod unanimu li l-laqgħa pubblika tiġi skedata għal nhar l-10 ta' Settembru fis-7:00 p.m. u tinżamm ġewwa s-Sala tal-Kunsill.

## 4.8 PJAN TA' ĦIDMA TAL-KUNSILL 2024-2029

4.8.1 Is-Sindku Dott. Sciberras fetaħ id-diskussjoni dwar il-Pjan ta' Ħidma għal din il-leġiżlatura li tkopri l-perjodu 2024-2029.

4.8.2 Imbagħad is-Sindku ippreżenta abbozz tal-Pjan ta' Ħidma għal ħames snin li ġejjin kif spjegat hawn taħt:

| 4.8.3<br><br>**Isem tal-proġett** |
|---|
| **1. Riġenerazzjoni tal-pjazza –** |

| |
|---|
| Tinkludi l-binja tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill u titjib tal-ispazju miftuħ fi Pjazza Ninu Cremona |
| **2. Proġett ta' tisbiħ ta' Wesgħa J B Scicluna –**<br><br>Skultura fil-ġebla tal-franka bix-xbieha tal-Madonna tal-Għoqiedi u titjib fi soft landscaping u pavimentar. |
| **3. Xogħlijiet ta' rinnovar fis-Sala tal-Kunsill**<br><br>Xogħlijiet strutturali fil-fond 'Wilson Garage' li jintuża bħala Sala tal-Kunsill Lokali L-Iklin biiex ikompli jaqdi skopijiet soċjali inkluż il-Laqgħa Annwali tal-Lokalità, il-Berġa, Ċentru għal Anzjanità Attiv, u programmi oħra edukattivi, kulturali u sportivi. (Finishings) |
| **4. Il-Kunsill għandu jaħdem fuq proġett ta' anzjan attiv.**<br><br>Il-Kunsill se jkun qed jiffirma ftehim bejn l-Anzjanità Attiv u Kura fil-Komunità u l-Kunsill Lokali L-Iklin/Balzan biex jipprovdi servizz 'Ċentru għal Anzjanità Attiv'<br><br>Il-Kunsill ser jintroduċi s-servizz ta' trasport għall-anzjani tal-komunità 55+ permezz ta' xiri ta' vettura li taħdem bl-elettriku biex tipprovdi trasport għal Mater Dei, iċ-Ċentru Ċiviku ta' B'Kara u servizzi oħra essenzjali. |
| **5. Programmi edukattivi u ambjentali**<br><br>Il-Kunsill għandu jaħdem fuq attivitajiet ta' informazzjoni u programmi edukattivi fost ir-residenti ta' kull età dwar suġġetti varji u ta' nteress speċjalment lejn il-familja. |
| **6. Jissaħħaħ is-sens komunitarju**<br><br>Il-Kunsill jintensifika l-ħidma sabiex jissaħħaħ is-sens komunitarju fil-lokal billi jiggarantixxi attivitajiet ta' natura kulturali bħal Festa Fjuri, attivitajiet sportivi u edukattivi għall-familja, iż-żgħażagħ, u l-anzjani. Il-Kunsill għandu jaħdem biex f'dan il-qasam jinvolvi kemm jista' jkun il-volontarjat u b'hekk ikollu parteċipazzjoni aktar effettiva, speċjalment iż-żgħażagħ. |
| **Isem tal-proġett** |
| **7. Immaniġġjar tat-Traffiku**<br><br>Isir studju minn esperti f'dan is-settur biex isir pjan ħolisitku fl-immaniġġjar tat-traffiku.<br><br>Il-Kunsill għandu jkompli bit-taħdidiet mall-awtoritajiet biex isolvi l-problema tal-*foreign traffic* fl-Iklin u jżid is-sigurtà fit-toroq għall-beneficċju tar-residenti f'kull parti tal-Iklin. Dan għandu jsir b'konsultazzjoni wiesgħa u sħiħa mar-residenti kollha tal-Iklin.<br><br>Titjib fl-immaniġġjar tat-traffiku fi Triq ir-Razzett l-Aħmar, Triq il-Ħwawar<br><br>Miżuri ta' CCTV fi Triq Erin Serracino Inglott u Triq San Mikiel |

| |
|---|
| Titjib fl-immaniġġjar tat-traffiku fi Triq Ġużè Bonnici u Triq Dun Karm (part of) |
| **8. Infrastruttura - Toroq u Bankini**<br><br>Rikostruzzjoni ta' stekkat (boundary wall) eżistenti fi Triq Anton Buttigieg peress li hemm periklu imminenti li jċedi ċ-ċint minħabba l-għeruq tas-siġar. Jeħtieġ li jsir intervent billi jsir root barrier biex l-egħruq ma jibqgħux jimbuttaw il-ħitan b'mod li jikkollassa u jikkawża dannu lil terza proprjetà.<br><br>Bini/rikostruzzjoni ta' ħitan fi Triq il-Wied 'il fuq mill-Bus Stop minħabba periklu għaliex hemm drop ta' sular għall-egħlieqi. Jinġieb *clearance* mill-Awtorità tal-Artijiet biex il-Kunsill jibni ċint bħala miżura ta' sigurtà.<br><br>Il-Kunsill għandu jippresevera li jżomm l-uċuh tat-toroq u l-bankini fi stat tajjeb u jara li persuni anzjani u persuni bi bżonnijiet speċjali jingħataw prijorità. *Resurfacing works* fi Triq Ġwann Mamo (part of), Triq Richard Taylor (footpath works), Triq in-Naxxar (footpath works), Triq Ġużè Muscat Azzopardi Matul din is-sena, il-Kunsill ser ikompli jsegwi l-proċessi mal-Aġenzija Infrastructure Malta biex isir *resurfacing works* ta' Triq Ġużè Pesci, Triq Mons. P.P. Saydon, Triq Alfons Marija Galea, Triq Stefano Erardi, Triq il-Ħarruba, Triq il-Plejju, Triq il-Klin. |
| **9. Town Planning**<br><br>Il-Kunsill ser ikun qiegħed jidentifika ż-żona ta' Triq Dott Pawlu Grech biex permezz ta' din ir-riżorsa jagħmel l-aħjar użu tal-art permezz ta' Ippjanar fiż-żona urbana biex jimmaniġġja din ir-riżorsa b'mod tajjeb u jilqa għall-isfidi tal-futur fosthom l-ispazji għall-parkeġġ. Se jkun qed jintalab id-devoluzzjoni tal-art matul din il-leġiżlatura biex l-art pubblika tkun amministrata mill-Kunsill Lokali L-Iklin biex eventwalment nitkellmu ma' Project Green biex isir proġett rikreazzjonali u parkeġġ taħt wiċċ it-triq. |
| **10. Titjib fl-Infrastruttura Triq Ġwann Mamo**<br><br>Il-Kunsill Lokali ser ikun qed jitlob pariri tekniċi dwar il-volum ta' ilmijiet tax-xita li jinżel minn Triq Ġużè Muscat Azzopardi għal Triq Ġwann Mamo. Il-Kunsill qed jiddiskuti mall-Perit dwar il-possibiltà ta' implimentazzjoni ta' *rain water catchment* biex l-ilma jinġabar f'ġibjun li hemm fi Triq Ċensu Busuttil k/m Triq Ġwann Mamo. Bil-possibiltà li ssir estensjoni ta' gutter għal Triq Ġeronimo Abos. Ser ikun qed isir *survey* dwar il-ġibjun eżistenti u studju/stima dwar il-vijabbiltà tal-proġett propost. |
| **11. Proġett ta' titjib u tisbiħ ta' *soft landscaping areas* fl-Iklin** |

Titjib u tisbiħ ta' *soft landscaping areas* li nsibu fi Triq Ġużè Ellul Mercer u Triq Dun Karm u *soft landscaping area* li nsibu fi Triq Anton Buttigieg.

**12. Neighbourhood watch u diskussjonijiet dwar il-possibiltà ta' aktar involviment tal-Pulizija / Community policing**

Il-Kunsill se jkun qed jiddiskuti mal-awtoritajiet konċernati dwar is-sugurtà fil-lokalità filwaqt li se jkun qed jevalwa mudelli li ġew implimentati f'lokalitajiet oħra ta' *neighbourhood watch.* Nesploraw il-possibiltà li fir-riġenerazzjoni tal-pjazza tiġi ntegrata sede għal Community Policing/Malta Post.

**13. Traffic calming measures**

Implimentazzjoni ta' speed humps fi Triq ir-Razzett l-Aħmar u Triq San Mikiel

**14. Investing in human capital**

Il-Kunsill Lokali se jkun qed isaħħaħ ir-riżorsi umani tal-Kunsill biex itejjeb l-operat amministrattiv minħabba l-*workload* tax-xogħol.

**15. Reviżjoni tas-servizzi dwar l-Indafa Pubblika**

Il-Kunsill Lokali se jkun qed janalizza l-livell tal-Indafa Pubblika fil-lokalità biex ikun assigurat li s-servizz tal-Indafa Pubblika ikun wieħed effiċċjenti, u l-livelli tal-indafa pubblika tilħaq l-aspettattivi taċ-ċittadin.

**16. Proġett tħawwil ta' siġar**

Isir studju biex jiġu identifikati siti biex jitħawwlu siġar fil-lokalità. Triq Dun Karm (service road) Triq Ġeronimo Abos (round-about) u *soft areas* oħra. Diskussjonijiet biex jibda jsir it-tħawwil ta' siġar adatti bħal *brachychyton populneus* li tikber b'mod eleganti, dritta u tirrikjedi ftit manutenzjoni. Il-Kunsill talab parir kompetenti minn *tree advisor* dwar x'tip ta' siġar jistgħu jiġu mħawwla biex noħolqu *green lung* minħabba l-emmissjonijiet tal-vetturi.

**17. Jissaħħaħ il-qafas leġiżlattiv dwar l-industrija tal-impjanti fl-Iklin**

Tkompli l-ħidma fil-Kunsill sabiex l-Awtoritajiet kompetenti jindirizzaw l-industrija tal-impjanti li qed jimpattaw b'mod negattiv is-saħħa tal-persuna u l-ambjent tal-lokalità tal-Iklin u l-loklitajiet ġirien.

Tissejjaħ laqgħa tas-Sindki tal-lokalitajiet ġirien Ħal Balzan, Ħal Lija, Ħal Għargħur, Swieqi, Naxxar, Birkirkara, San Ġwann u sintendi L-Iklin biex ikunu vuċi waħda kontra l-emmissjonijiet tossiċi irrilaxxati mill-impjant Bitmac Ltd sabiex niggarantixxu kwalità ta 'arja nadifa għall-komunitajiet tagħna. Il-Kunsill ikompli jaħdem biex il-qafas leġiżlattiv ikun wieħed b'saħħtu biex jinforza lil din l-industrija.

4.8.4 Wara diskussjoni, kien deċiż li dan l-abbozz ikompli jiġi diskuss waqt il-laqgħa pubblika biex fis-seduta li jmiss jerġa jitla għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill.

## 4.9 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

4.9.1 Qabel spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li s-seduta li jmiss issir nhar l-Erbgħa,9 ta' Ottubru 2024 fil-5.30 pm.

4.9.2 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt is-seduta tal-Kunsill ta' nhar l-Erbgħa, 9 ta' Ottubru 2024 fil-5.30 pm.

4.9.3 Il-laqgħa ġiet fi tmiem tagħha fis-7.00 pm.

**Dr. Dorian Sciberras**
Sindku

**Etienne Montfort**
Segretarju Eżekuttiv